STQARRIJA MINISTERJALI MILL-PRIM MINISTRU, L-ONOR. ROBERT ABELA, DWAR IL-PARTEĊIPAZZJONI TIEGĦU FIS-SUMMIT TAL-COP31 LI SAR F'ANTALYA, IT-TURKIJA, FIL-LAQGĦA TAL-KOMUNITÀ POLITIKA EWROPEA U S-SUMMIT INFORMALI TAL-KUNSILL EWROPEW LI SAR F'DUBLIN L-IRLANDA

ONOR. ROBERT ABELA (Prim Ministru): Sur President, il-ġimgħa li għaddiet kellna tlett ijiem importanti ferm ta' safar, fejn kellna tliet konferenzi, tliet summits, li kienu importanti ħafna kemm fuq livell ta' pajjiżna kif ukoll fuq livell aktar wiesa'. L-ewwel ġurnata kienet ġewwa Antalya, fit-Turkija fejn attendejt għall-COP31. Hija konferenza organizzata fi ħdan il-Ġnus Magħquda, fejn ta' kull sena niddiskutu t-tema tat-tibdil fil-klima. Din is-sena kienet waħda importanti ferm għaliex nafu, u rajna quddiem għajnejna, l-effetti klimatiċi kemm qegħdin jintensifikaw. Filwaqt li ftit tas-snin ilu kien hemm min kien xettiku jekk verament il-fenomenu tat-tibdil fil-klima kienx xi ħaġa realistika jew xi ħaġa filosofika, illum b'dak li rajna jiġri f'dawn l-aħħar snin, partikolarment fil-Mediterran - jekk hijiex nixfa esaġerata, jekk hijiex żieda eċċessiva fit-temperaturi u heat waves b'temperatura aktar għolja u li jdumu għal medda aktar twila ta' żmien, jekk humiex in-nirien li rajna fil-foresti, jekk humiex effetti klimatiċi intensivi oħrajn - nemmen b'mod ferm illi llum bla dubju l-effetti klimatiċi huma realistiċi u intensivi imma aċċelleraw aktar milli wieħed kien saħansitra qiegħed jantiċipa. Però dan il-pajjiż, lura fl-1988, permezz tal-lettur preċedenti u ħabib tiegħi tal-lum il-Professur David Attard, li kien jgħallimna d-Dritt Internazzjonali Privat fl-Università ta' Malta, persuna rinomata ħafna fil-qasam internazzjonali li għamel ħafna ġieħ lil isem pajjiżna, kien qajjem dan il-konċett tal-klima; mhux il-bidla klimatika as such, il-klima fiha nnifisha bħala l-wirt komuni tal-umanità, il-common heritage of mankind. Illum, 40 sena wara dak li l-Professur Attard tkellem dwaru, qegħdin kulma jmur naraw l-importanza tiegħu.

F'Antalya, fl-indirizz li għamilt – dan huwa indirizz li nagħmlu bħala mexxejja tal-pajjiżi differenti li konna qegħdin preżenti hemmhekk – tħaddidt dwar x'qegħdin nagħmlu bħala pajjiż f'ambitu ta' żewġ binarji differenti: l-ewwel wieħed it-tnaqqis tal-emissjonijiet - u dan huwa l-approċċ dinji – fuq naħa, imbagħad il-qalba lejn sorsi ta' enerġija li huma aktar rinnovabbli. U tat-tieni llum assumiet dimensjoni importanti ferm. Jiġifieri filwaqt li dejjem tkellimna dwar il-ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli f'kontest ta' tnaqqis tal-emissjonijiet, illum qegħdin naraw li assumiet dimensjoni daqstant ieħor importanti, jekk mhux iżjed, is-sigurtà tal-provvista u li nżommu l-prezzijiet stabbli. Tgħidli: Għaliex illum assumiet dimensjoni importanti? L-ewwel nett, b'dak li ġara fi Frar tas-sena 2022 fil-gwerra bejn l-Ukrajna u r-Russja u l-effetti ta' wara, inkluż il-kriżi tal-enerġija, imma mbagħad b'dak li qed jiġri bħalissa fl-Istrait ta' Hormuz fejn qegħdin naraw illi r-realtà li rridu nnaqqsu d-dipendenza fuq il-fossil fuels, hija waħda li ma nistgħux naħarbu minnha.

Hemm ukoll il-kwestjoni tal-prezzijiet. Bħalissa, kif qegħdin naraw, qegħdin ngħixu fi kriżi enerġetika fejn qajla qatt rajna prezzijiet għoljin fuq medda twila ta' żmien u ma nafux sakemm se jibqgħu f'dan il-livell daqstant għoli. Mela hemmhekk tikber l-importanza tal-qalba lejn iżjed sorsi ta' enerġija rinnovabbli, u tkellimt dwar x'qegħdin nagħmlu f'pajjiżna u kif tellajna l-persentaġġ ta' ġenerazzjoni minn 3% oriġinarjament għal kważi 19% fil-preżent. It-target huwa, anke kif hemm fil-manifest elettorali, ta' 25% matul din il-leġiżlatura. Imbagħad hemm ukoll il-kwestjoni ta' panelli solari u anke l-investiment potenzjali li qegħdin nesploraw fuq il-baħar kemm b'imtieħen jew irdieden tar-riħ fl-exclusive economic zone ta' pajjiżna, u anke panelli solari fuq il-baħar. Dak huwa li ġara fil-COP summit li kellna ġewwa Antalya fit-Turkija.

Imbagħad it-tieni ġurnata, f'Dublin l-Irlanda, iltqajna fil-forma tal-European Political Community (EPC). Din hija idea li kien ressaqha 'l quddiem il-President Macron lura fl-2022 waqt laqgħa tal-Kunsill li jien kont preżenti għaliha. Dakinhar Franza kienet tokkupa l-Presidenza tal-Kunsill Ewropew. L-idea tiegħu dakinhar kienet li wara l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja jkollna din il-Komunità Politika Ewropea li testendi lil hinn mis-27 Stat Membru tal-EU. Fil-fatt illum il-ġurnata hemm 47 pajjiż li jipparteċipaw fi ħdan il-European Political Community. Ikun forum ta' djalogu fejn nitkellmu b'mod apert ħafna bejnietna; ma jkunx hemm konklużjonijiet formali kif ikun hemm fil-Kunsill Ewropew, però jekk tistaqsini jekk huwiex format relevanti immens inwieġeb mingħajr ebda dubju li iva. Anke l-fatt li jkollok l-opportunità li tiltaqa' ma' ħafna mexxejja Ewropej, mal-Kunsill tal-Ewropa u ma' entitajiet oħrajn, jagħtik dak il-format importanti fejn inti tista' titkellem u tressaq 'il quddiem il-fehmiet. Anke l-mod kif tradizzjonalment inżommuh, jiġifieri filwaqt li jkollok l-indirizz inizjali minn numru magħżul ta' mexxejja - din id-darba kien hemm ukoll fireside chat bejn numru ta' mexxejja - imbagħad ninqasmu f'round tables differenti u kull mexxej jagħżel tema minn qabel. Fil-każ ta' pajjiżna għażilna l-konnettività u l-intelliġenza artifiċjali. Hemmhekk fi grupp aktar ristrett ta' mexxejja tkun tista' tagħmel l-osservazzjonijiet tiegħek, imbagħad ir-rapporteur jgħaddi l-osservazzjonijiet finali lill-plenarja, biex insejħilha hekk, jiġifieri lis-47 stat membru tal-EPC miġburin flimkien.

Fid-diskussjoni tagħna enfasizzajt l-aktar fuq il-konnettività u tkellimt dwar ir-realtajiet partikolari ta' pajjiżna. Meta tkellimt fuq il-konnettività naturalment iffokajt l-aktar fuq il-konnettività għall-fini ta' trasport, jiġifieri l-importanza tat-trasport bl-ajru u bil-baħar għal pajjiżna, li ma nagħmlux sparar f'saqajna bħall-ETS fuq il-marittimu. Hemmhekk għamilt il-pożizzjoni ta' pajjiżna ċara u sa ċertu punt għaqqadtu wkoll mal-AI għaliex l-intervent li għamilt fuq l-AI kien fis-sens li rridu naċċettaw u nitilqu minn punt tat-tluq li dan se jagħmel bidliet fis-suq tax-xogħol kif tradizzjonalment nafuh. Il-punt kollu jrid ikun dan: jekk hux se nħallu l-AI tikkondizzjona hi dawn il-bidliet jew inkunu aħna li nużaw l-AI biex nieħdu l-bidliet lejn fejn irridu neħduhom.

Dan is-suġġett tal-intelliġenza artifiċjali ddomina dik il-parti tad-diskussjoni fl-EPC u tista' tgħid nofs is-summit li nżamm l-għada fi ħdan il-kunsill informali tal-Unjoni Ewropea. Għaliex qed ngħid hekk? Għaliex il-kunsill informali, għalkemm kien informali, wassal għal dikjarazzjoni politika importanti ħafna - hemmhekk ma jkollniex konklużjonijiet formali għaliex il-Kunsill huwa informali - u din se nitħaddet dwarha aktar 'il quddiem.

L-ewwel parti tal-Kunsill, li ħadet tista' tgħid nofs il-ġurnata, kienet fuq l-intelliġenza artifiċjali. Issa hemmhekk li ġara differenti mis-soltu - idea li għoġbitni ferm - kien li l-President tal-Kunsill stieden żewġ esperti biex ikunu magħna. L-ewwel wieħed kien Arthur Mensch, li huwa c-CEO tal-kumpanija Mistral - Mistral tista' tgħid li hija l-leading company fl-Ewropa fuq l-AI - u huwa konsulent ta' ħafna u ħafna gvernijiet. Minkejja li Arthur Mensch għad għandu 34 sena, huwa awtorità rikonoxxuta f'dan is-suġġett. It-tieni mistieden kien il-Professur Geoffrey Hinton li huwa Nobel Price winner fis-suġġett ukoll. Hemmhekk tifhem li dawn huma żewġ persuni li ġejjin mid-dinja tal-AI u allura forsi jagħfsu ftit iktar fuq il-pożittiv, imma rrid ngħid li kienu oġġettivi wkoll. Però laqatni ħafna intervent li għamlet il-President tal-Kummissjoni Ewropea Ursula Von Der Leyen li għamlet referenza għaċ-chatbot li jintuża mill-*WhatsApp* u allaċċjatu l-ewwel nett mal-fatt li t-tfal iqisu dak iċ-chatbot bħala ħabib tagħhom, u l-perikli li l-intelliġenza artifiċjali jista' jkollha - għandha l-vantaġġi vera - partikolarment fejn jidħlu t-tfal. Is-suġġeriment li għamlet il-President tal-Kummissjoni Ewropea kien jekk fir-riforma li qiegħda ssir dwar social media fuq livell Ewropew għandniex indaħħlu wkoll l-immaniġġjar tal-intelliġenza artifiċjali. Dan huwa punt li laqatni ferm u

nistieden anke lill-Ministru Rosianne Cutajar li qiegħda tippilota din ir-riforma fuq is-social media biex tikkonsidra wkoll dan l-argument u tara jekk għandniex nintegrawh ukoll f'din id-diskussjoni. Però huwa żgur li jekk inħallu l-AI tmexxina hi, problemi jkollna. Jekk nużaw l-AI bħala għodda ta' aktar effiċjenza, ta' suq tax-xogħol li jinvesti aktar fil-ħiliet u li jtejjeb l-effiċjenza u l-produttività, allura nistennew l-AI, nintegrawha u tkun xi ħaġa verament pożittiva.

X'qegħdin nagħmlu fuq livell ta' pajjiż? Fl-intervent tiegħi tkellimt fuq il-programm 'AI għal Kulħadd'. Illum nista' nirrapporta li hemm aktar minn 50,000 persuna li abbonaw għalih u ħafna li lestew il-programm b'suċċess. Kif ilestu, nagħtu wkoll is-software relatat tal-intelliġenza artifiċjali. Lura fl-2019, aħna kKonna wieħed mill-ewwel pajjiżi li, filwaqt li ħadd ma kien qed jitkellem fuq l-AI, aħna nidejna l-ewwel strateġija tal-intelliġenza artifiċjali. Illum il-Ministru Silvio Schembri se jkun qed iniedi t-tieni strateġija, jew l-ewwel strateġija riveduta, biex inkunu katalisti ta' aktar bidliet u nkunu fuq quddiem nett f'dan is-settur.

L-aħħar parti tat-tielet jum kienet tikkonċerna l-Ukrajna. Hemmhekk nistqarr li għamilna dikjarazzjoni politika li kienet importanti ferm. Għall-ewwel darba fil-Kunsill Ewropew mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, għall-ewwel darba mill-2022 sal-lum, fl-aħħar qbilna li nibdew nitħaddtu dwar il-paċi. Fl-aħħar! Tgħidli: Huwa tard? Ngħid li aħjar tard milli qatt. Imma d-diskussjoni, mill-ewwel intervent sal-aħħar wieħed - tiegħi kien lejn l-aħħar - daret fuq min se jirrappreżentana u mhux fuq liema direzzjoni għandna naqbdu. Hemmhekk ilħaqna qbil li fuq livell Ewropew fit-taħditiet mar-Russja għandna nkunu rappreżentati fuq il-livell ta' dak li huwa magħruf bħala E5, jiġifieri l-aktar ħames pajjiżi fl-Unjoni Ewropea li għandhom popolazzjoni kbira, kif ukoll mill-istituzzjonijiet Ewropej jiġifieri l-Presidenza tal-Kunsill kif ukoll il-Kummissjoni.

L-intervent tiegħi hemmhekk kien li għandna nesploraw jekk għandux ikollna persuna fit-tmexxija ta' dan it-tim, ta' din id-delegazzjoni li se tkun qiegħda tirrappreżentana. Kien punt li ma kienx deċiż. Qam dibattitu, mhux biss fil-Kunsill imma fuq barra wkoll, dwar jekk il-Kummissjoni tkunx rappreżentata mill-President jew mill-High Representative/Vice President (HR/VP) Kaja Kallas, u r-risposta hemmhekk kienet li t-trattat jiddetta.

Dan huwa pass wieħed, għadna fil-bidu, mhux qed nagħti aspettazzjonijiet pożittivi żżejjed, anzi ngħid li huma pożittivi b'mod kawt ħafna, imma l-fatt li sejrin f'dik id-direzzjoni hija xi ħaġa pożittiva. Naturalment issa rridu niffissaw x'se jkun il-mandat. Qbilna li għandna niffissaw x'għandu jkun il-mandat ta' dan it-tim ta' negozjati u x'se jkunu t-talbiet tagħna. L-intervent tiegħi hemmhekk kien li filwaqt li għandna nimmiraw kemxejn fl-għoli, kif qalet l-HR/VP, ir-rappreżentant tagħna fil-politika Ewropea internazzjonali, fl-istess waqt ma rridux inressqu 'l quddiem talbiet li n-naħa l-oħra se tagħlaq il-bieb mal-ewwel għal potenzjali negozjati. Jiġifieri dak huwa eżerċizzju li jrid isir b'reqqa kbira, b'delikatezza u b'sensittività imma li fl-aħħar mill-aħħar iddiskutejna min se jkun qiegħed jirrappreżenta lill-Unjoni Ewropea madwar il-mejda tad-djalogu biex eventwalment insibu l-paċi.

Kien hemm taħdita wkoll dwar x'se jiġri wara, jiġifieri r-riparazzjoni tal-Ukrajna, it-tiswijiet tal-ħsarat. Dawn huma affarijiet pożittivi.

Naħseb li huwa għaqli li kellna dan il-Kunsill għax minbarra li ddiskutejna l-AI, tema progressiva, fuq l-Ukrajna fl-aħħar għandna forma ta' żblokk ċkejken fis-sitwazzjoni. Nittama issa li wara dak li bnejna f'dan il-Kunsill, issa nersqu għall-ieħor dan ix-xahar stess li se jiffoka fuq finanzjament tal-Ukrajna u fuq il-Multiannual Financial Framework il-ġdid. Dak imbagħad

jeħodna għal ta' Diċembru fejn jien ngħid li bilfors jew kważi bilfors irridu nagħlqu l-Multiannual Financial Framework għat-2028-2034.

Fl-aħħar irrid ngħid li nieħu pjaċir nara Unjoni Ewropea li marret lejn dak li dejjem għedna aħna. Din għedtha fl-aħħar parti tal-intervent tiegħi. Jien ma nimmaġinanix li niġu ħames snin oħra u fuq il-gwerra tal-Ukrajna, li issa ilha kważi ħames snin li bdiet, ngħidu li għadna fl-istess sitwazzjoni li qegħdin illum jew agħar. U fil-frattemp min jaf kemm-il €70 biljun jew €90 biljun ta' loans inkunu approvajna, loans li ma se jiġu rkuprati qatt għax huma grants taħt il-kappa ta' loans. Jiġifieri ma nimmaġinax Unjoni Ewropea li trid tibqa' tiffinanzja din il-gwerra għal xi ħames snin oħra jew iżjed għaliex hemmhekk ngħid li 27 minna nkunu fi problemi serji.

Għalhekk inħares 'il quddiem li jkun hemm il-bidu ta' dawn it-taħditiet; naturalment se jieħdu fit-tul, huma sensittivi ħafna però almenu nista' nirrapporta llum li kien hemm bidu pożittiv. Nirringrazzjak, Sur President. (Onor. Membri: Hear, hear)